# DISKORS

MILL-ONOREVOLI ANTON TABONE

*SPEAKER* TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI

FL-OKKAŻJONI TAL-KOMMEMORAZZJONI

# TAS-SETTE GIUGNO

MISRAH IL-PALAZZ

IL-BELT VALLETTA, 7 TA' ĠUNJU 2001

DISKORS

MILL-ONOREVOLI ANTON TABONE

*SPEAKER* TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI

FL-OKKAŻJONI TAL-KOMMEMORAZZJONI

# TAS-SETTE GIUGNO

MISRAĦ IL-PALAZZ

IL-BELT VALLETTA, 7 TA' ĠUNJU 2001

KULL sena niltaqgħu hawn, ftit passi biss minn fejn ta ħajtu għal pajjiżu wieħed mill-vittmi tas-*Sette Giugno*. Niltaqgħu aħna l-Parlamentari għaliex bħala l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż il-Parlament Malti huwa l-ikbar u l-aqwa eredità tal-ġrajjiet li m'għandhomx jintesew tas-*Sette Giugno*. Din is-sena l-Parlament tagħna qed jiċċelebra tmenin sena ta' eżistenza, u huwa verament xieraq illi lkoll magħqudin flimkien nagħtu ġieħ u nfakkru fl-ikbar ġrajja nazzjonali ta' l-ewwel nofs tas-seklu li għadda. Tmenin sena ta' leġislazzjoni magħmula mill-Maltin għall-Maltin. Għandna biex inkunu tassew kburin u rikonoxxenti lejn il-vittmi tas-*Sette Giugno* talli bis-sagrifiċċju estrem tagħhom waqqfu l-pedamenti għall-bini ta' Nazzjon Sovran u Indipendenti ta' Malta.

L-istorja hija bħal sensiela ta' avvenimenti li mill-eqdem żmienijiet iwasslu għall-preżent. L-istorja kostituzzjonali u politika tagħna tagħti xhieda ta' avvenimenti magħrufa li ftit ftit ressqu 'l Malta lejn il-kisbiet ta' llum. Kif qed niċċelebraw is-*Sette Giugno* irrid nirrimarka illi x-xahar ta' Ġunju għandu tifsir kbir għalina. Insemmi biss żewġ ġrajjiet oħra li jżejjnu l-istorja tagħna li t-tnejn ġraw matul ix-xahar ta' Ġunju. Fl-1482, fi żmien medjovali li l-istoriċi tagħna jsejħulu "Żmien it-Tiranni", Malta ġiet mogħtija mir-Re Alfonso V ta' Aragona l-famuża Diploma fl-20 ta' Ġunju ta' dik is-sena. Permezz ta' din id-Diploma s-sultan reġa ġabar lil pajjiżna mal-kuruna wara li l-Maltin kienu ħelsu minn Don Gonsalvo Monroy. Klen żmien bikri meta' niesna imdejjqin u imxebbgħin mill-ħruxija tas-sid fewdali li lilu ġiet mibjugħa Malta qamu u għalenijja rribellaw kontrih u bagħtuh 'il barra. Imtaqqlin bit-taxxi u misluħin mill-ftit ġid li seta' kellhom batew iktar milli felħu. Iżda l-ispirtu nazzjonali tagħhom u l-qawwa morali tħeġġeġ ġo fihom kienu biżżejjed biex jissaraw għal ħelsien. Għad li rribellaw, is-sultan, impressjonat bil-qlubija tagħhom, tahom il-famuża Diploma li fiha ħeġġiġhom biex meta jkunu magħkusin jirreżistu jekk hemm bżonn *"manu forte"*, voldieri anke

bl-armi f'idejhom. X'eżempju taw il-Maltin f'dawk iż-żmienijiet tal-qedem! Irridu niftakru li f'dawk iż-żmienijiet il-Maltin ma kellhomx korp rappreżentattiv ħlief l-Università li kellha membri elettivi iżda li s-setgħat tagħha kienu pjuttost ta' natura muniċipali aktar milli politika. Mill-ftit li nafu kienu mexxejja mill-poplu kif ukoll mill-Knisja li taw sens nazzjonali lil ġensna biex iqum kontra l-ħakkiem.

Ġrajja oħra ta' ġieħ kbir ġrat ukoll f'Ġunju ta' ħafna snin wara. Kien il-15 ta' Ġunju ta' l-1802 meta missirijietna, allura iktar maturi politikament, fasslu d-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet li huwa wieħed mid-dokumenti l-iktar għeżież li għandu biex jiftaħar bih pajjiżna. Kien żmien meta l-Maltin wara mijiet ta' snin ta' ħakma, imdakkrin minn spirtu liberali li kien qed jiġri fl-Ewropa wara r-Rivoluzzjoni Franċiża, sabu ruħhom ħielsa wara t-tluq tal-Kavalieri. Pajjiżhom kien ukoll protagonista fi gwerra qalila fil-Mediterran bejn iż-żewġ potenzi kbar ta' dak iż-żmien, l-Ingilterra u Franza. F'dan iż-żmien bikri għal dawk li huma drittijiet umani, il-Maltin, imlaqqgħin f'Kungress tal-Gżejjer ta' Malta u Għawdex fasslu dokument li għandu fih imniżżla drittijiet tal-poplu Malti. Il-fatt li nħass il-bżonn li jitlaqqa' korp rappreżentattiv biex ifassal *charter* tad-drittijiet tal-Maltin mitejn sena ilu jixhed sens bikri ta' demokrazija u spirtu qawwi ta' nazzjonaliżmu u patrijottiżmu. Għalina l-Parlamentari għandu importanza kbira għax forsi għall-ewwel darba jissemma korp elettiv li huwa leġislattiv u bi dritt li jagħmel tassazzjoni. Anzi dan id-dritt huwa limitat lil dan il-korp biss. Il-*Consiglio Popolare*, magħmul minn rappreżentanti tal-poplu Malti u Għawdxi imlaqqgħin apposta jistabbilixxi wkoll illi d-dritt tat-tfassil tal-Kostituzzjoni huwa esklusivament tiegħu. Dan ifisser illi kienet qed tinħoloq assemblea leġislattiva u fl-istess ħin kostitwenti. Dan kien l-ewwel pass fl-aħħar mitejn sena tal-mixja kostituzzjonali li wasslet għall-indipendenza ta' pajjiżna avolja fil-kuntest tal-mument kienu qed jibdlu ħakkiem b'ieħor. Is-sena d-dieħla dan id-dokument importanti, il-*Bill of Rights* tal-Maltin, jagħlaq mitejn sena. Ikun xieraq ħafna kieku Malta in ġenerali u l-Kamra tad-Deputati in partikulari jiċċelebraw kif jixraq dan l-anniversarju importanti. Naħseb li jkun xieraq li nikkwota mill-preambolu ta' din id-dikjarazzjoni biex niftakru fl-aspirazzjonijiet li nebbħu lil missirijietna mitejn sena ilu.

Il-Preambolu jibda hekk:

> *Aħna l-Membri tal-Kungress tal-Gżejjer ta' Malta u Għawdex u d-dipendenzi tagħhom eletti b'vot ħieles, waqt l-Assedju, biex nirrappreżentawhom fil-materja importanti tar-rikonoxximent tad-drittijiet nativi u privileġġi (li kienu sa minn żmien il-qedem igawdu l-antenati tagħna, li kull meta kienu mhedda xerrdu demmhom biex jerġgħu jakkwistawhom) u biex jagħmlu kostituzzjoni ta' Gvern, li tassigura lilna u lil ta' warajna għal dejjem il-barka tal-ħelsien u d-drittijiet ta' liġi ġusta...*

Għalhekk ix-xahar ta' Ġunju jħaddan fih avvenimenti importanti. Kien tassew pass għaqli tal-Awtoritajiet Monetarji li jikkommemoraw dawn it-tliet anniversarji, id-Diploma tar-Re Alfonso, id-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet u s-*Sette Giugno* fuq tliet karti tal-flus li għandna bħalissa.

Issa billi saret il-konswetudini li f'okkażjoni bħal din issir riferenza ħafifa lejn l-andament attwali tal-Parlament tagħna f'dan il-kuntest nista' nsemmi, li matul din il-leġislatura li bdiet għall-aħħar t'Ottubru ta' l-1998 u sa l-aħħar ta' Mejju ta' din is-sena saru 545 seduta parlamenti b'26,210 interpellanzi. Il-Kumitati Permanenti tal-Kamra fl-istess perjodu ta' żmien iltaqgħu 244 darba. Għaddew 69 liġi li minnhom 42 għaddew "*nem con*" jiġifieri bi qbil bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra.

Din l-istatisika titkellmem waħedha. Tikkonferma kemm il-membri parlamentari jinsabu iżjed magħqudin mili mifrudin fuq ħwejjeġ pajjiżhom. Mhux għax in-nuqqas ta' qbil fil-fehmiet huwa fih innifsu ta' ħsara anzi huwa l-essenza u s-sustanza f'demokrazija ħajja bħal tagħna. Ħafna drabi iżda huwa l-mod kif ma naqblux li jkun suġġett ta' ħsara u mhux in-nuqqas fil-qbil. Għalhekk huwa dejjem opportun dak li ssemmi l-Ordni Permanenti numru 60 li jiġbed b'qawwa l-attenzjoni li ebda membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'riferenza għal xi membru tagħha u li ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi membru.

Din l-osservanza tgħin twitti t-triq lejn terren komuni bejn Gvern u Opposizzjoni fejn bla preġudizzju u bla inibizzjonijiet ikun jista' jsir djalogu effettiv u ċivili f'kull ħin u f'kull livell.

Ma ninsewx li jiddependi minna biex din l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, jiġifieri l-parlament, tinżamm tabilħaqq fl-ogħla livell minn naħa u minn oħra u fl-istaġuni kollha. Il-poplu u l-elettorat ikejjel l-għoli ta' dak il-livell u jiġġudika.

Il-volum kbir ta' xogħol li għandu l-uffiċċju tal-Parlament biex jippubblika r-rapporti tas-seduti kellu effett li wassal biex investejna f'sistema fejn id-dibattitu jiġi rrekorjat b'mod diġitali. Dan jippermetti li x-xogħol ta' traskrizzjoni jsir permezz ta' l-istess kompjuter li qed jintuża mill-edituri u t-tajpisti llum. Ta' min wieħed isemmi li din is-sistema tagħti l-faċilità li meta Membru Parlamentari jitlob għal xi *recording* ta' diskors, dan ikun jista' jintbagħtlu bl-*e-mail*. Talba bħal din issir meta t-traskrizzjoni tad-diskors mitlub tkun għada ma saritx u l-membru jkollu bżonn urġenti tad-diskors in kwestjoni.

Dan ix-xogħol kollu tal-Kamra jwassalni biex nerġa nappella għall-aktar ħeffa fir-rijorganizzazzjoni li għandha ssir fl-amministrazzjoni ta' l-Uffiċċju ta' l-Iskrivan tal-Kamra u għal żieda meħtieġa fl-i*staff* biex dan is-servizz ikun jista' jilħaq u jlaħħaq ma l-eżiġenzi attwali u futuri u anki biex eventwalment il-Parlament ikun jista' jsegwi lill-Uffiċċju ta' l-Awditur Ġenerali u dak ta' l-Ombudsman billi jakkwista l-awtonomija sħiħa tiegħu.

Sena ilu ħabbart li kont tlabt lill-ex-President tar-Repubblika, Dott. Ugo Mifsud Bonnici, biex jagħmel reviżjoni ta' l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra bil-għan li l-proposti għal din ir-reviżjoni iwasslu għal andament aħjar tax-xogħol tal-Kamra. Fil-31 ta' Jannar ta' din is-sena, Dott. Mifsud Bonnici ssottometta rapport bil-proposti tiegħu li jiena għaddejt lill-Onorevoli Membri tal-Kumitat tax-Xogħol tal-Kamra u tlabthom biex jagħtu r-reazzjonijiet tagħhom għal dan ir-rapport. Napprofitta ruħi minn din l-okkażjoni biex nirringrazzja pubblikament lil Dott. Ugo Mifsud Bonnici li b'dedikazzjoni liema bħala daħal għall-biċċa xogħol mhux faċli u lanqas żgħira u fi żmien qasir ikkonkluda r-rapport bil-proposti siewja tiegħu.

Sena ilu kont semmejt ukoll il-każ ta' dawk il-Membri Parlamentari li kellhom iċedu l-impieg tagħhom mal-Gvern meta ġew eletti fil-Parlament u kont ħabbart li ikkommissjonajt rapport bil-għan li jinstab rimedju fuq din il-kwistjoni li issa ilha tkarkar is-snin. Dan ir-rapport ġie sottomess lili mill-Avukat Joseph Micallef Stafrace, f'Settembru li għadda. Hawn ukoll irrid nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja pubblikament lil Dott. Micallef Stafrace ex Membru Parlamentari u ex Ministru li jien kont tlabtu jagħmel dan ir-rapport. Dan ir-rapport għaddejtu liż-żewġ naħat tal-Kamra għall-konsiderazzjoni tagħhom.

Inkwantu tal-ħtieġa ta' aktar spazju għad-dispożizzjoni tal-Membri fil-bini tal-Parlament, kont tlabt lill-Perit Claude Borg tar-*Restoration Unit* fil-Ministeru għall-Ambjent biex jippreżenta l-pjani u l-pjanti li juru l-aħjar mod kif jista' jintuża l-ispazju li qabel kien iservi bħala Uffiċċju tad-Direttorat tal-EU. Il-proposti li ssottometta il-Perit Borg joffru aktar minn għażla waħda u issa jridu jiġu evalwati biex tiġi applikata l-aħjar għażla. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-Perit Borg għal kooperazzjoni tiegħu.

Fuq livell differenti nixtieq ngħid li qed jingħata support morali u konsultattiv lill-istituzzjonijiet edukattivi u għaqdiet biex jitrawmu żgħażagħ f'dak li hu l-proċess demokratiku u l-funzjonijiet tal-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. B'dan il-għan ġew organizzati fil-Kamra tar-Rappreżentanti seduti simboliċi ta' żgħażagħ u studenti bil-parteċipazzjoni ta' wħud ta' Membri Parlamentari miż-żewġ naħat tal-Kamra. B'hekk iż-żgħażagħ qed jingħataw okkażjoni li wara riċerka u tħejjija mhux biss jesponu l-idejat tagħhom fuq temi ewlenin li qed jiddominaw ix-xena lokali u internazzjonali, imma wkoll biex jitgħallmu direttament kif dawn għandhom jiġu diskussi b'mod demokratiku u ċivili. Għandi l-pjaċir ngħid li dan l-eżerċizzju issa qed jilħaq medda wiesgħa tas-soċjetà żagħżugħa, tant li din is-sena barra li ssoktat is-seduta konklusiva annwali tal-*Mini European Assembly* tan-*National Student Travel Foundation* ta' l-Università, kellna għat-tieni darba konsekuttiva il-Parlament tat-Tfal imniedi mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, kif ukoll ingħata bidu għall-*Youth Parlament* li ġie organizzat mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ. Dan hu eżempju ħaj ta' l-importanza li qed

tingħata lill-iżvilupp sħiħ tal-kapaċitajiet taż-żgħażagħ li f'idejhom għad tkun it-treġija tal-pajjiż. Għax mhux biżżejjed li ngħidu x'jistgħu jagħmlu ż-żgħażagħ fil-futur meta hu daqstant importanti dak li jistgħu jagħmlu ż-żgħażagħ illum.

Jekk nirritornaw għall-avveniment tas-*Sette Giugno* naraw kif il-vittmi li taw ħajjithom kienu qed jissieltu għal drittijiet li Malta messha kellha ħafna snin qabel. Il-ġrajjiet imdemmija iffokaw fuq l-għatx għall-ħelsien li Malta kienet ilha tħoss. In-nuqqas ta' Gvern rappreżentattiv kien ifisser illi l-Maltin u l-Għawdxin ma kellhomx żbokk għall-aspirazzjonijiet tagħhom. Jekk wieħed janalizza, anke bl-iżjed mod ħafif, l-avvenimenti li taw lok għas-*Sette Giugno* wieħed jinduna li l-qawmien nazzjonali kien wieħed awtentiku u ġenerali għaliex spontanju u kien qed isir minn oqsma diversi tal-ħajja Maltija. L-istudenti, l-ħaddiema u l-pulizija kienu x'uħud minn dawk li kellhom l-ilmenti tagħhom. Iżda is-soċjetà in ġenerali kellha għaliex tipprotesta. L-għoli tal-ħajja, speċjalment il-prezz tal-ħobż setgħet kienet ix-xrara li wasslet għall-isplużjoni li ġrat. Iżda n-nuqqas ġenerali ta' rappreżentanza f'korp bħal xi Assemblea wasslet għar-rabja ġenerali li kienet taħkem il-pajjiż kollu. Is-sitwazzjoni ekonomika mwiergħa li ġiebet magħha t-tmiem ta' l-ewwel gwerra kkontribwiet ukoll għas-sens ġenerali ta' ċaħda li ħass il-poplu Malti.

Is-sena l-oħra f'din l-istess ċerimonja kont aċċennajt għall-parti importanti li kellha l-Assemblea Nazzjonali li wasslet biex pajjiżna jkollu l-ewwel Parlament tiegħu tmenin sena ilu. Ta' min ifakkar illi din l-Assemblea kienet twaqqfet qabel il-ġrajjiet tas-*Sette Giugno*. Iżda dawn il-ġrajjiet taw lok b'mod l-iżjed drammatiku biex jintlaħaq l-ewwel pass importanti fl-istorja kostituzzjonali ta' pajjiżna, li wasslitna biex illum kburin li nistgħu niddikjaraw ma l-erbat irjieħ tad-dinja li "Malta hija Repubblika Demokratika bbażata fuq ix-xogħol u fuq ir-rispett għad-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' l-individwu."

Fl-aħħar irrid pubblikament inrodd ħajr lill-Membri kollha tal-Parlament Malti għall-impenn kostanti tagħhom u għas-sagrifiċċji li jagħmlu lejn arthom u l-poplu li huma jirrappreżentaw.